# Biċċa mill-Istorja tal-Knisja ta' Malta

## IL-ĠIŻWITI F'MALTA

Tista' tgħid li l-Ġiżwiti daħlu f'Malta ftit wara li Sant' Injazju kien waqqaf dak l-Ordni li ta lill-Knisja ħafna għorrief, qaddisin u martri, l-ikbar missjunari fil-Ġappun u fiċ-Ċina.

L-ewwel ma ġew fostna kienu tnax-il Patri Ġiżwita, biex iwaqqfu fil-Gżira tagħna Kulleġġ għat-tagħlim.

Bit-tħabrik ta' Monsinjur Gargallo—li kien għadu ma laħaqx Isqof ta' Malta—taħt il-ħakma tal-Granmastru La Cassière—kien ġie Malta, biex jippritka f'San Ġwann—il Patri Ġiżwita Ġanpatist Carminatu, imsemmi ħafna għal għerfu u għal qdusitu, biżżejjed ingħidu li l-Imħallef Realino, wara li sama' priedka minn tiegħu mhux biss ikkunverta iżda l-lum huwa mgħoddi mal-Beati, u li San Roberto Bellarmino kien għażlu bħala konfessur u mexxej ta' ruħu.

Mela dal-Ġiżwita waqqaf fil-gżira tagħna l-Kamrata (*Camerata*)—il-Belt fil-lok fejn il-lum jinsab, (quddiem id-Depot tal-Pulizija) dak il-bini fejn igħammru l-familji tas-suldati miżżewġa—biex fiha jinġabru u jgħixu flimkien il-Kavalieri l-iktar mogħtija għall-ħwejjeġ tar-ruħ.

Meta laħaq Isqof Monsinjur Gargallo qala' minn għand il-Papa Klement VIII is-setgħa biex jwaqqaf Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Malta—biex iservi ta' Siminarju. Dak iż-żmien (1592) kienet tielgħa l-knisja l-lum imsejħa tal-Ġiżwiti, li kellha tkun iddedikata lil San Pawl;—din ġiet mogħtija lill-Ġiżwiti, u semmewha "del Gesù" kif għadha sal-lum.

L-ewwel ma ġew kienu tnax-il patri, taħt it-treġija tal-Patri Leonardo Capano, ta' qdusija kbira, li kien daħal fil-Kumpanija minn idejn l-istess Sant'Injazju.

L-Isqof Mons. Gargallo tahom ir-renta ta' 600 skut fis-sena, li biż-żmien din is-somma kibret ferm, sa waslet £700 fis-sena.

Meta ħadu pussess ta' dik il-Knisja, barra mill-Isqof, kien hemm il-Granmastru u l-kbarat kollha ta' l-Ordni.

Mons. Gargallo kien iġib wisq lill-Ġiżwiti u għalhekk fis-saqaf tal-Knisja tqiegħdet l-arma tiegħu, u meta miet ġie midfun fil-kappella ta' San Franġisk Saverju u r-ritratt tiegħu mqiegħed fis-Sagristija.

Il-Ġiżwiti baqgħu f'Malta sal-1768, meta l-Granmastru Pintu, imġiegħel mill-Gvern ta' Napli, keċċiehom minn dawn il-Gżejjer. Bi flushom twaqqfet l-Università u s-Siminarju, bil-kunsens tal-Papa:—ġiebu Professuri mill-aqwa mill-Italja, fosthom l-imsemmi Padre Giuseppe Piazza, ta' l-Ordni ta' San Gejtanu (Teatini) li kien imgħallem kbir fix-xjenzi tal-Filosofija, Matematika, Teoloġija u Astronomija, biżżejjed ngħidu li kixef il pjaneta Cerere, li hu semmieha "Cerere Ferdinandea" u ismu ġera mad-dinja kollha.

U b'dal-mod il-Ġiżwiti, wara mitejn sena li damu fostna, jgħallmu u jagħmlu ġid lill-erwieħ, inqerdu minn dawn il-Gżejjer.

M. D.